



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2014
COM(2014) 734 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni,
f'konformità mal-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-
Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-
kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba
(applikazzjoni EGF/2014/012 BE/ArcelorMittal)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (Ir-"Regolament tal-FEG").
2. L-awtoritajiet Belġjani ssottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/012 BE/ArcelorMittal għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji mill-ArcelorMittal Liège S.A. fil-Belġju.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tal-FEG:	EGF/2014/012 BE/ArcelorMittal
L-Istat Membru:	Il-Belġju
Ir-reġjun(i) kkonċernat(i) (livell NUTS 2):	Prov. Liège (BE 33).
Id-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni:	22.7.2014
Id-data tal-konferma li l-applikazzjoni waslet:	4.8.2014
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali:	24.7.2014
Id-data ta' skadenza għall-forniment tal-informazzjoni addizzjonali:	16.9.2014
Id-data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni:	9.12.2014
Il-kriterju ta' intervent:	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
L-intrapriża primarja:	ArcelorMittal Liège S.A.
Is-settur(i) ta' attività ekonomika (Id-Diviżjoni tan-NACE Rev. 2) ² :	Id-Diviżjoni 24 ("Manifattura ta' metalli bażiċi")
L-Għadd ta' sussidjarji, fornituri u produttori downstream:	Xejn
Il-perjodu ta' referenza (erba' xhur):	L-1 ta' Jannar 2014 – l-1 ta' Mejju 2014
L-għadd ta' sensji jew waqfien ta' attività matul il-perjodu ta' referenza (a):	752
L-għadd ta' sensji jew waqfien ta' attività qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b):	533
L-għadd totali ta' sensji (a + b):	1 285
L-għadd totali stmat ta' benefiċjarji fil-mira:	910
Il-baġit għas-servizzi personalizzati (EUR)	2 575 900

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ³ (EUR)	76 578
Il-baġit totali (EUR)	EUR 2 652 478
il-kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 591 486

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. L-awtoritajiet Belġjani ssottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/012 BE/ArcelorMittal fit-22 ta' Lulju 2014 fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha l-kriterji ta' intervent stabbiliti hawn taħt ġew issodisfati. Il-Kummissjoni baġtet sett inizjali ta' mistoqsijiet lill-Awtoritajiet Belġjani fl-24 ta' Lulju 2014 u kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni fi żmien ħmistax mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, fl-4 ta' Awwissu 2014. Din l-informazzjoni addizzjonali nġatat fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-konferma. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni kompleta, li fih il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet biex tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja, jiskadi fid-9 ta' Diċembru 2014.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriża u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija marbuta ma' 1 285 ħaddiem li nġataw is-sensja minn ArcelorMittal Liège S.A. Din l-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-Diviżjoni 24 tan-NACE ("Il-Manifattura ta' metalli bażiċi"). Is-sensji li nġataw mill-intrapriża kkonċernata jinsabu prinċipalment fir-reġjun tan-NUTS⁴ il-livell 2 fir-reġjun ta' Liège (BE33).

Il-kriterji ta' intervent

6. L-awtoritajiet Belġjani ssottomettew l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jitlob li tal-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja jew li titwaqqaf l-attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jingħataw is-sensja fost il-fornituri u l-produtturi downstream.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur huwa mill-1 ta' Jannar 2014 sal-1 ta' Mejju 2014.
8. L-applikazzjoni tikkonċerna s-752 ħaddiema li nġataw is-sensja⁵ fl-intrapriża matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur.

Il-kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Is-sensji kollha ġew ikkalkulati mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur dwar it-tkeċċija jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tal-ħaddiem.

Benefiċjarji eliġibbli

³ F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁵ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-FEG.

10. Minbarra l-ħaddiema diġà msemmin, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 533 ħaddiem li ngħataw is-sensja qabel il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur. Dawn il-ħaddiema kollha ngħataw is-sensja wara t-tħabbira ġenerali tas-sensji mbassrin fl-14 ta' Ottubru 2011. Rabta kawżali ċara tista' tinholq bil-każ li xkatta s-sensji matul il-perjodu ta' referenza, minħabba li s-sensji kollha huma marbuta mal-istess proċess ta' tnaqqis fin-numru tal-impjegati mibdi f'Ottubru 2011.
11. Għaldaqstant, in-numru totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 1,285.

Rabta bejn is-sensji u bidliet strutturali ewlenin fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

12. Sabiex jistabbilixxu r-rabta bejn is-sensji u bidliet strutturali ewlenin fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li s-settur tal-produzzjoni tal-azzar, li fih jopera l-ArcelorMittal Liège S.A, għadda minn taqlib ekonomiku serju, b'mod partikolari tnaqqis rapidu fis-sehem mis-suq tal-UE.
13. Bejn l-2007 u l-2013, il-produzzjoni tal-azzar grezz fl-UE-27 naqas minn 210,1 miljun tonnallata għal 166,2 miljun tonnallata⁶ (– 20,9 %; – 3,8 % ta' tkabbir annwali⁷), filwaqt li fil-livell dinji, il-produzzjoni żdiedet minn 1 348,1 miljun tonnallata għal 1 649,3 miljun tonnallata (+ 22,3 %; + 3,4 % rata ta' tkabbir annwali). Konsegwenza ta' dan u skont id-dejta msemminja mill-awtoritajiet Belġjani, fil-perjodu 2007-2013, is-sehem tal-UE tal-produzzjoni tal-azzar naqas kontinwament (minn 16 % tal-produzzjoni tal-azzar globali fl-2007 għal 10 % fl-2013). It-tnaqqis fil-produzzjoni kien aktar sinifikanti fl-Ewropa milli fl-Istati Uniti u r-Russja. Kuntrarju għal dan, hemm żieda qawwija fis-sehem tal-Asja, li tela' minn 56 % għal 67 % matul l-istess perjodu.
14. L-effetti ta' dawn il-bidliet fix-xejriet kummerċjali marru għall-agħar minħabba fatturi oħra, bħal tnaqqis fid-domanda tal-azzar fis-setturi tal-karozzi u tal-kostruzzjoni fl-UE bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u żieda relattiva fil-kosti tal-produzzjoni (materja prima, enerġija, limitazzjonijiet ambjentali, eċċ.). Dawn il-fatturi kienu ta' dannu għall-kompetittività tal-industrija tal-azzar tal-UE u wasslu għal għadd kbir ta' telf ta' impjegi fis-settur tal-azzar f'dawn l-aħħar snin minħabba l-għeluq ta' impjanti u r-ristrutturar minn diversi manifatturi tal-azzar fl-Ewropa⁸. Pereżempju, bejn l-2008 u l-2013, l-għadd ta' persuni impjegati fl-industrija metallurġika (NACE Rev. 2 diviżjoni 24 "Il-Manifattura ta' metalli bażiċi") fl-UE-27 naqas b'madwar 280 000 minn 1,44 miljun għal 1,16 miljun (– 19,4 %).
15. Mill-bidu tal-FEG fl-2007, kien hemm erba' applikazzjonijiet tal-FEG fis-settur tal-azzar⁹. Tlieta minn dawn l-applikazzjonijiet kienu marbuta ma' bidliet strutturali

⁶ Sors: World Steel Association, *Steel Statistical Yearbook* 2014.

⁷ Rata komposta ta' tkabbir annwali.

⁸ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa (COM(2013) 407).

⁹ Ara l-bażi ta' dejta tal-FEG, disponibbli fuq <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=582>.

kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni¹⁰ u waħda mal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali¹¹.

Avvenimenti li wasslu għas-sensji u l-waqfien tal-attivitajiet

16. L-avvenimenti li jagħtu bidu għal sensji u waqfien ta' attivitajiet huma marbuta mat-tħabbira ta' ristrutturar sostanzjali mill-Grupp ArcelorMittal fl-Unjoni Ewropea fl-2008. Din id-deċiżjoni ttehdet fid-dawl tal-kapaċità żejda li l-impriża kellha fl-Ewropa meta kkumparat ma' xejriet ta' żvilupp tas-suq. Il-Grupp iddeċieda fuq l-għeluq permanenti tal-10 fran tal-blast mill-25 li kellu fl-Ewropa u l-għeluq ta' diversi unitajiet ta' produzzjoni. Matul 5 snin, kważi 33,000 tilfu l-impjieg tagħhom, jiġifieri madwar 25 % tal-forza totali tax-xogħol.
17. Skont l-Awtoritajiet Belġjani, it-tnaqqis fid-domanda għall-azzar, iż-żieda relattiva fil-kosti tal-produzzjoni (materja prima, enerġija, restrizzjonijiet ambjentali, eċċ) u t-tnaqqis f'daqqa fil-prezzijiet tal-azzar (kważi 17 % għall-kojl tal-azzar) wasslu biex il-produttur inaqqas l-output fl-2011 u jiddeċiedi rigward l-għeluq tal-ifran tal-blast fi Liège u dan iwassal eventwalment għall-għoti tas-sensji lill-1,285 ħaddiem.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

18. F'dawn aħħar snin, is-settur tax-xogħol tal-ħadid fi Liège naqas minn 6 193 impjieg f'40 intrapriża fl-2007 għal 4 187 impjieg f'35 intrapriża fl-2012, tnaqqis ta' 32 % tal-impjiegi fis-settur. L-impatt tat-tnaqqis fin-numru tal-impjegati minn ArcelorMittal huwa saħansitra aktar importanti minħabba li s-sehem ta' ArcelorMittal fl-okkupazzjoni lokali fis-settur tal-metall huwa 78,9 % u 14,3 % tal-okkupazzjoni fis-settur tal-manifattura.
19. Il-kriżijiet finanzjarji tal-2008-2009 u l-2011 għadhom jidhru fl-ekonomija tar-reġjun ta' Wallonja u t-tnaqqis fin-numru ta' impjegati ta' ArcelorMittal se jwassal għal aktar telf ta' impjiegi fir-reġjun. Fi Liège, f'Mejju 2014 ġew irreġistrati 54 440 persuna li qed ifittxu impjieg, jiġifieri rata ta' qgħad ta' 19,48 %. Dawn il-persuni ħafna drabi ma jkunux ikkwalifikati (49,9 % ma għandhomx edukazzjoni sekondarja) u 40,4 % esperjenzaw perjodu ta' inattività ta' aktar minn sentejn. Ir-rata ta' attività fi Liège hija fost l-aktar baxxi fir-reġjun ta' Wallonja bi 53,4 % (56,7 % fir-Reġjun ta' Wallonja)¹².

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

20. L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 910. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd ta'
------------	-----------

¹⁰ Il-Każijiet EGF/2009/022 BG/Kremikovtsi (applikazzjoni rifjutata mill-Kummissjoni), EGF/2012/010 RO/Mechel (COM(2014) 255 final ta' 7.5.2014), EGF/2013/007 BE/Hainaut steel (Duferco-NLMK) (COM(2014)...), EGF/2013/002 BE/Carsid (COM(2014)...).

¹¹ Każ EGF/2010/007 AT/Steiermark / Niederösterreich. Id-Deċiżjoni 2011/652/UE tas-27 ta' Settembru 2011 (ĠU L 263, 7.10.2011, p. 9).

¹² Sors: FOREM.

		benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irgġiel:	871	(96 %)
	Nisa:	39	(4 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	910	(100 %)
	Mhux ċittadini tal-UE:	0	(0 %)
Grupp tal-età:	15-24 sena:	25	(3 %)
	25-29 sena:	37	(4 %)
	30-54 sena:	803	(88 %)
	55-64 sena:	45	(5 %)
	'il fuq minn 64 sena:	0	(0 %)

Eliġibiltà tal-azzjonijiet proposti

21. Il-FEG se jikkofinanzja biss uħud mill-miżuri li jagħmlu parti mill-azzjonijiet implimentati mill-awtoritajiet Belġjani biex jappoġġja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minn ArcelorMittal. Għaldaqstant, il-miżuri li huma obbligatorji skont il-proċeduri ta' sensji kollettivi fil-Belġju u li jiġu implimentati bħala parti mill-attivitajiet standard tal-Unità ta' Riallokazzjoni (eż. l-appoġġ għar-rikollokament, it-taħriġ, l-għajnuna għat-tiftix tax-xogħol, u parir dwar il-karriera, eċċ.) mhumiex inklużi f'din l-applikazzjoni tal-FEG.

22. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:

– Riallokazzjoni:

Appoġġ / gwida / integrazzjoni Dan is-sett ta' servizzi jibni fuq l-attivitajiet standard imwettqa mill-Unità ta' Riallokazzjoni¹³. Is-servizzi se jingħataw minn tim ta' persunal tal-FOREM (manijer tal-proġett, konsulenti speċjalizzati) bi sħubija ma' eks rappreżentanti tal-ħaddiema li jaġixxu bħala 'assistenti soċjali' (accompagnateurs sociaux) biex iħeġġu lill-ħaddiema biex jieħdu sehem fil-miżuri u biex jgħinuhom fil-proċeduri amministrattivi. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn il-ħaddiema, is-servizzi huma pprovduti b'mod konġunt lill-ħaddiema kollha li ngħataw is-sensja f'bini apposta. Is-servizzi jkopru tliet tipi ta' attività: (i) informazzjoni kollettiva dwar tekniki ta' tiftix ta' impjieg (kif wieħed għandu jikteb CV u ittra ta' applikazzjoni, l-użu tar-riżorsi onlajn, eċċ.), spjegazzjonijiet dwar ir-regolamenti fuq ix-xogħol (rikollokament, qgħad, kuntratt ta' impjieg, pensjoni), sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni, preżentazzjoni tal-impjieg u s-setturi b'potenzjal, eċċ.; (ii) intervisti individwali ma' konsulent tal-FOREM (verifika tal-ħiliet, perkors tal-karriera, gwida dwar it-taħriġ, eċċ.); (iii) aċċess liberu u miftuħ għal għodod għat-tiftix tal-impjieg (tagħmir tal-IT b'konnessjoni tal-Internet, telefown, dokumentazzjoni speċjalizzata, eċċ.). Din il-miżura se tkun tikkonċerna 910 ħaddiema kollha fil-mira, għal perjodu massimu ta' 24 xahar.

¹³ L-Unità ta' Riallokazzjoni (*cellule de reconversion*) speċifikament stabbilita bħala parti mill-obbligi għall-proċedura ta' sensji kollettivi.

L-iffaċilitar tat-tfittix ta' impjieg. FOREM se jwettaq ukoll attivitajiet speċifiċi biex jiffaċilita t-tfittix ta' impjieg u biex jingħelbu d-diffikultajiet fil-proċess ta' riallokazzjoni. Dan jinkludi laqgħat bejn il-ħaddiema li ngħataw is-sensja u l-impjegaturi potenzjali (it-tqabbil tal-impjegi), żjarat tal-kumpaniji, laqgħat ma' persuni li jirreklutaw għat-tnejn ta' intervisti għax-xogħol, u skambji ta' esperjenza ma' ħaddiema oħra li jkunu diġà tħarrġu mill-ġdid jew li sabu impjieg wara sensja kollettiva.

– Taħriġ u taħriġ mill-ġdid:

Taħriġ integrat: Jistgħu jiġu proposti tipi differenti ta' korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali (skont it-tip ta' kors) jew minn FOREM jew mis-*centres de competences* jew minn IFAPME¹⁴. Bħala pass inizjali, il-persunal ta' FOREM se jgħin lil kull parteċipant biex jiddefinixxi l-miri tiegħu relatati max-xogħol u jiggwidah lejn wieħed minn tliet tipi ta' moduli ta' taħriġ. Il-ħaddiema li jistgħu jitħarrġu mill-ġdid għal okkupazzjoni simili għal dik li kellhom f'ArcelorMittal, jistgħu jew isegwu modulu speċifiku jew ta' speċjalizzazzjoni (40 siegħa) sabiex jadattaw il-kompetenzi tagħhom u jaġġornawhom, jew kors supplementari li jwassal għal kwalifiki ġodda (320 siegħa), li jippermetti lill-ħaddiema japplikaw għal impjegi f'okkupazzjoni ġdida fis-settur industrijali. Għal taħriġ mill-ġdid f'settur ta' attività differenti għal kollox, il-ħaddiema jistgħu jsegwu kors ta' taħriġ okkupazzjonali (medja ta' 960 siegħa) sabiex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa għal din l-okkupazzjoni. Fi tmien kull modulu ta' taħriġ, il-ħiliet ġodda jistgħu jiġu evalwati u ddokumentati. Skont it-tip ta' taħriġ u l-qasam tal-kompetenzi, il-parteċipanti se jingħataw jew ċertifikazzjoni formali tal-ħiliet (jiġifieri ċertifikat ta' kompetenza), ċertifikat ta' attendenza (għall-kompetenzi jew okkupazzjonijiet li għalihom ma teżisti l-ebda ċertifikazzjoni formali) jew validazzjoni tal-ħiliet (għal ħiliet u kompetenzi miksuba barra mill-korsijiet ta' taħriġ formali). Iċ-ċertifikazzjoni formali tal-ħiliet hija vverifikata permezz ta' testijiet ta' valutazzjoni li jwasslu għall-ġħoti ta' 'Ċertifikat tal-Ħiliet Miksuba permezz tat-Taħriġ' (*Certificat des Compétences Acquisées en Formation – CECAF*). Il-validazzjoni tal-ħiliet hija vverifikata permezz ta' testijiet ta' valutazzjoni li jwasslu għall-ġħoti ta' kredenzjali tal-ħiliet (*titres de compétences*).

Trasferiment ta' esperjenza: Il-ħaddiema b'esperjenza jistgħu jtejbju l-ħiliet u l-għarfien tagħhom billi jsiru għalliema jew ħarrieġa f'edukazzjoni teknika. Se jiġi żviluppat modulu speċifiku ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ minn qabel minn FOREM u mill-federazzjonijiet tad-diversi ferġat tal-edukazzjoni teknika biex iħeġġeġ ċerti ħaddiema ħalli jitħarrġu biex isiru għalliema vokazzjonali. Il-modulu se jinkludi l-ġħoti ta' informazzjoni speċifika, appoġġ tekniku, laqgħat ma' Prattikanti u żjarat fuq il-post. Il-modulu se jdum tmien ġimġat u se jkun immirat għal madwar 10 ħaddiema.

– Promozzjoni tal-intraprenditorija:

Appoġġ għall-ħolqien ta' intrapriżi: Ħaddiema li qed jaħsbuha jibdwex in-negozju tagħhom se jirċievu gwida u appoġġ minn Konsulent għall-Ħolqien tan-Negozju minn FOREM. Dan l-appoġġ jinkludi żewġ attivitajiet ewlenin: (i) sessjonijiet ta' informazzjoni kollettiva biex titqajjem kuxjenza rigward l-

¹⁴

IFAPME (Institut wallon de Formation en Alternance et des indépendants et Petites et Moyennes Entreprises) huwa istitut ta' taħriġ pubbliku li jipprovdi taħriġ doppju relatat max-xogħol f'forma ta' apprendistati u korsijiet speċifiċi għal manijers tal-SMEs.

opportunitajiet ta' ħolqien tan-negozju, li jipprovdu informazzjoni dwar aspetti legali u miżuri għall-appoġġ tal-ħolqien tan-negozju; (ii) intervisti individwali ma' ħaddiema interessati biex jiġi eżaminat il-proġett tagħhom u mbagħad dawn jiġu mgħarrfa lill-organizzazzjonijiet tal-appoġġ tan-negozju u l-fornituri tas-servizzi. Il-Konsulent se jaħdem mill-qrib mal-Unitajiet ta' Riallokazzjoni biex jgħin lill-ħaddiema fil-proġetti tan-negozju tagħhom. Madwar 50 ħaddiem huma mistennija jattendu s-sessjonijiet ta' informazzjoni u madwar 20 jipparteċipaw fl-intervisti u l-attivitajiet ta' segwitu.

Appoġġ għal proġetti kollettivi: Il-ħaddiema li jaf qed jaħsbuha jibdewx intrapriża "soċjali" flimkien bħala grupp se jirċievu gwida u appoġġ minn konsulenza speċjalizzata (magħżula permezz ta' sejħa għall-offerti) u mill-Unità ta' Riallokazzjoni. Dan l-appoġġ jinkludi informazzjoni u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ħolqien tan-negozji u ħiliet ta' ġesjoni bażiċi, kif ukoll pariri dwar it-twaqqif tal-kumpanija (eż. it-tfassil ta' pjan tan-negozju, l-abbozzar ta' statuti legali, il-kummerċjalizzazzjoni, eċċ). Jistgħu jingħataw għotjiet biex jgħinu jkopru l-kosti tal-bidu ta' proġetti tan-negozju bħal dawn. Il-ħaddiema jridu jissottomettu applikazzjoni li tiddeskrivi l-proġett (eż. il-ħiliet u l-esperjenza tal-ħaddiema, studju ta' fattibbiltà, analiżi finanzjarja, il-potenzjal tas-suq, il-prospetti tat-tkabbir, il-benefiċċji soċjoekonomiċi, eċċ). Il-Kumitat ta' Appoġġ tal-Unità ta' Riallokazzjoni, li jlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-unjinjs tal-impjegaturi u tal-kummerċ u l-FOREM, jivvaluta l-applikazzjoni u jiddeċiedi jagħtix għotja jew le. Kull ħaddiem involut fil-proġett jista' jirċievi għotja ta' EUR 5 000 (bil-fondi li jinġabru mill-ħaddiema kollha li jkunu qed jipparteċipaw). L-għotjiet jistgħu jintużaw biex ikopru x-xiri ta' tagħmir, merchandising, reklamar, konsulenza, taħriġ, eċċ. Il-konsulenza se tamministra l-għotjiet u tirrapporta lill-FOREM dwar l-użu tal-ispejjeż (fatturi u dokumentazzjoni ta' sostenn). Huwa mistenni li madwar 100 ħaddiem se jipparteċipaw f'din il-miżura, flimkien ma' ħames għotjiet ta' sostenn li qed jingħataw lill-ħaddiema.

23. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
24. L-awtoritajiet Belġjani taw l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriżi kkonċernati bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont arranġamenti kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se tieħu post azzjonijiet bħal dawn.

Baġit stmat

25. Il-kosti totali stmati huma ta' EUR 2 652 478, li jinkludu nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 2 575 900 u nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 76 578.
26. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 591 486 (60 % tal-kosti totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' parteċipanti	Il-kosti stmati għal kull parteċipant (f'EUR) (*)	Il-kosti totali stmati (f'EUR) (*)
-------------	--------------------------------	---	------------------------------------

Is-servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
<u>Riallokazzjoni:</u> (<i>Orientation professionnelle</i>) - appoġġ / gwida / integrazzjoni (<i>Reconversion/Insertion</i>) - Iffaċilitar tat-tfittix ta' impjieg (<i>Dynamisation de la recherche d'emploi</i>)	910 150	2 054 300	1 869 000 45 000
Taħriġ u taħriġ mill-ġdid: (<i>Formations</i>) - Taħriġ integrat (<i>Formations intégrées</i>) - Trasferiment ta' esperjenza (<i>Transmission d'expérience</i>)	300 10	1 713 300	513 900 3 000
Promozzjoni ta' intraprenditorija: (<i>Aide à la creation d'emploi</i>) -Appoġġ għall-ħolqien tal-intrapriżi (<i>Autocreation d'emploi individuelle</i>) -Appoġġ għal proġetti kollettivi: (<i>Soutien à l'urgence de projets collectifs</i>)	50 100	900 1 000	45 000 100 000
Subtotal (a):	—		2 575 900 (100,0 %)
Provvedimenti u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Subtotal (b):	—		0 (0,00 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1 Attivitàjiet preparatorji, ġestjoni, kontroll u rappurtar	—		32 778
2 Informazzjoni u pubbliċità	—		43 800
Subtotal (c):	—		76 578 (2,9 %)
Il-kosti totali (a + b + c):	—		2 652 478
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)	—		1 591 486

(*) It-totali ma jaqblux bl-eżatt minhabba t-tqarrib.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

27. L-awtoritajiet Belġjani bdew jipprovdu s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Jannar 2014. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet imsemmija fil-punt 22 se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Jannar 2014 sat-22 ta' Lulju 2016.

28. L-awtoritajiet Belġjani bdew iġarrbu nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEG fl-1 ta' Jannar 2014. Għalhekk, in-nefqa għat-tnejn, il-ġestjoni, l-informazzjoni u l-pubbliċità, il-kontroll u l-attivitajiet ta' rappurtar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mil-1 ta' Jannar 2014 sat-22 ta' Jannar 2017.

Komplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

29. Is-sorsi ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali huma kif ġej: L-azzjonijiet implimentati se jkunu prefinanzjati mill-FOREM. L-Unitajiet ta' Riallokazzjoni, it-taħriġ mill-FOREM u s-sħab tiegħu huma kkofinanzjati mir-Reġjun ta' Wallonja.
30. L-awtoritajiet Belġjani indikaw li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumiex se jirċievu wkoll għajna minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.
31. Appoġġ finanzjarju mill-FSE ngħata lil proġett (EnTrain – En Transition-Reconversion-Accompagnement) li kellu l-għan li jiżviluppa metodi pedagoġiċi għall-Unitajiet ta' Riallokazzjoni b'mod ġenerali. Is-sejbiet ta' dan il-proġett aktarx se jkunu utli għall-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

32. L-awtoritajiet Belġjani indikaw li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mal-ħaddiema u s-sħab soċjali. Il-miżuri huma r-riżultat ta' bosta diskussjonijiet u laqgħat preparatorji organizzati bejn Frar 2014 u Ġunju 2014 fost id-diversi sħab soċjali involuti.
33. L-Unità ta' Riallokazzjoni (*cellule de reconversion*) għet speċifikament stabbilita bħala parti mill-obbligi legali marbuta mal-proċedura ta' sensji kollettivi. L-Unità ta' Riallokazzjoni hija ġestita minn kumitat li jlaqqa' flimkien rappreżentanti mis-servizzi pubbliċi ta' Wallonja inkarigati mill-impjiegi u t-taħriġ, FOREM, trejdnjins, u organizzazzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali u bbażati fuq is-settur.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

34. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-kumitat ta' tmexxija magħmul mill-organizzazzjonijiet kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEG jiżgura li jkun hemm koordinazzjoni u segwitu globali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tiġi ġestita u kkontrollata mill-istess korpi bħal għall-FSE. Entità waħda fi ħdan l-Aġenzija tal-FSE għall-Federazzjoni Wallonja-Brussell (dik li qabel kienet il-Komunità Franċiża tal-Belġju) se taġixxi bħala awtorità ta' ġestjoni u entità separata oħra fi ħdan l-Aġenzija tal-FSE se taġixxi bħala awtorità tal-pagament. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Federazzjoni Wallonja-Brussell se jaġixxi bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-FOREM se jaġixxi bħala entità intermedjarja.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

35. L-awtoritajiet Belġjani pprovdew il-garanziji kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji ta' ugwaljanza tat-trattament u nondiskriminazzjoni ser jiġu rrispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u l-implimentazzjoni tagħhom;

- inżammet konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar sensji kollettivi¹⁵;
- l-azzjonijiet proposti mhumex ser jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni u ser jiġi evitat kwalunkwe finanzjament doppju;
- l-azzjonijiet proposti ser ikunu kumplimentari ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali;
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ġajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

36. Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹⁶.
37. Wara li studjat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset in-numru ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 591 486, li jirrappreżenta 60 % tal-kosti totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
38. Id-deċiżjoni proposta, li l-FEG jiġi mobilizzat, se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁷.

Atti relatati

39. Filwaqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 591 486 fl-intestatura baġitarja rilevanti.
40. Filwaqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni ser tadotta deċiżjoni fuq kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li ser jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mobilizzat il-FEG.

¹⁵ Permezz tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-awtoritajiet Belġjani se jkunu jistgħu jestendu l-għoti ta' servizzi ta' rikollokazzjoni lil hinn mill-perjodi obbligatori u jwettqu miżuri addizzjonali. Għall-kalkolu tal-kosti allokati għall-FEG, l-awtoritajiet Belġjani se jqisu l-miżuri mwettqa matul il-perjodu tal-obbligu ġuridiku (dan jirrigwarda biss il-miżura 'Riallokazzjoni (appoġġ / gwida / integrazzjoni)'. In-numru ta' sigħat ta' servizzi ta' rikollokazzjoni mwettqa matul il-perjodu obbligatorju se jitnaqqas mit-total tan-numru ta' sigħat ta' servizzi ta' rikollokazzjoni li kull benefiċjarju fil-mira jkun ibbenefika minnhom.

¹⁶ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

¹⁷ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/012 BE/ArcelorMittal)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁹, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit biex isostni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li jkunu waqqfu l-attività tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009²⁰, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) Il-Belġju ssottometta applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji²¹ f'ArcelorMittal Liège S.A. fil-Belġju, fit-22 ta' Lulju 2014 u ssupplimentaha b'informazzjoni addizzjonali kif previst fl-Artikolu 8.3 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 1 591 486 għall-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju,

¹⁸ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

¹⁹ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

²⁰ ĠU L 167, 29.6.2009, p.26.

²¹ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-FEG.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 591 486 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President